**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) Id-digriet tad-19 ta’ Settembru 2019, Helsingin kaupunki vs Il-Kummissjoni (T-597/19 R, mhux ippubblikat), huwa rrevokat.

3) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent ta’ Nobina Oy u ta’ Nobina AB kif ukoll fuq it-talba għal trattament kunfidenzjali ta’ Helsingin kaupunki.

4) L-ispejjeż huma rriżervati, bl-eċċezzjoni ta’ dawk sostnuti minn Nobina Oy u minn Nobina AB, li għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mat-talba tagħhom għal intervent fil-proċeduri għal miżuri provviżorji.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta’ Marzu 2020 – Nutravita vs EUIPO – Pegaso (nutravita Healthy Mind, Body & Soul.)

**(Kawża T-814/19)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Irtirar tal-oppożizzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2020/C 191/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nutravita Ltd (Maidenhead, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: H. Dhondt u J. Cassiman, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Pegaso Srl (Negrar, l-Italja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta’ Settembru 2019 (Każ R 80/2019-4) dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Pegaso Srl u Nutravita Ltd.

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) Nutravita Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

[1] ĠU C 27, 27.1.2020.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Frar 2020 – Gruppe Nymphenburg Consult vs EUIPO (Limbic® Types)

**(Kawża T-96/20)**

(2020/C 191/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Gruppe Nymphenburg Consult AG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kunze u G. Würtenberger, avukati)